L-Università ta' Malta

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**ADVANCED MATRICULATION LEVEL**
**2020 SECOND SESSION**

| | |
|---|---|
| SUBJECT: | **Religious Knowledge** |
| PAPER NUMBER: | I |
| DATE: | 14th December 2020 |
| TIME: | 4:00 p.m. to 7:05 p.m. |

## THE SCRIPTURE AND THE CREED

Answer **THREE** questions: **ONE** from each section and a **THIRD** from any section. All questions carry equal marks.

### SECTION A: THE CHRISTIAN BIBLE

1. In the books of the Old Testament we see how God reveals Godself over time. Discuss what God reveals about who God is in (i) the Creation narratives and in (ii) the narratives of the Exodus.

2. In the Gospel according to John we see how the Evangelist conveys Jesus' identity by means of various images. Discuss **THREE** of these images and what they tell us about Jesus Christ.

3. In the Gospels we see Jesus give importance to the person and dignity of women. Discuss **TWO** dialogues that Jesus had with women of his time and explain their importance and relevance for us today.

### SECTION B: THE CREED

1. The Church is one, holy, catholic and apostolic. Choose **TWO** of these characteristics, explain in detail what they mean, and then discuss how the Church tries to live up to the identity these characteristics convey.

2. "I will put enmity between you and the woman, and between your seed and her seed; he shall bruise your head, and you shall bruise his heel." (Gen 3:15) Explain how this prophecy is fulfilled in Jesus Christ and the salvation he brings to the world.

3. Christians believe that Christ is fully human and fully divine. Discuss this teaching as expressed in the Creed.

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2020**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **It-Tagħlim Reliġjuż** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 14 ta' Diċembru 2020 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

## L-ISKRITTURA U L-KREDU

Wieġeb **TLIET** mistoqsijiet: **WAĦDA** minn kull taqsima u t-**TIELET** waħda minn liema taqsima li trid. Il-mistoqsijiet kollha għandhom l-istess marki.

### TAQSIMA A: IL-BIBBJA

1. Fil-kotba tat-Testment il-Qadim naraw lil Alla jirrivela lilu nnifsu maż-żminijiet. Iddiskuti dak li Alla jurina dwaru nnifsu fin-narrattivi (i) tal-Ħolqien u (ii) tal-Eżodu.

2. Fl-Evanġelju skont San Ġwann naraw kif l-Evanġelista juri min hu Ġesù permezz ta' diversi tixbihat. Iddiskuti **TLIETA** minn dawn it-tixbihat u x'jgħidulna dwar Ġesù Kristu.

3. Fl-Evanġelji naraw lil Ġesù jagħti mportanza lill-persuna u lid-dinjità tal-mara. Iddiskuti **ŻEWĠ** djalogi li Ġesù kellu ma' nisa ta' żmienu u spjega l-importanza u r-relevanza tagħhom għalina llum.

### TAQSIMA B: IL-KREDU

1. Il-Knisja hi waħda, qaddisa, kattolika, u appostolika. Agħżel **TNEJN** minn dawn il-karatteristiċi, spjega fid-dettall xi jfissru, u wara ddiskuti kif il-Knisja tipprova tgħix l-identità li huma jwasslu.

2. "U jien inqajjem mibegħda, bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u nisilha, u hu jisħaqlek rasek u int tisħaqlu għarqubu." (Ġen 3: 15) Spjega kif din it-tħabbira sabet il-milja tagħha f'Ġesù Kristu u s-salvazzjoni li hu ġab lid-dinja.

3. L-Insara jemmnu li Kristu hu veru Alla u veru bniedem. Iddiskuti dan it-tagħlim kif imwassal fil-Kredu.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**ADVANCED MATRICULATION LEVEL**
**2020 SECOND SESSION**

| | |
|---|---|
| SUBJECT: | **Religious Knowledge** |
| PAPER NUMBER: | II |
| DATE: | 15th December 2020 |
| TIME: | 4:00 p.m. to 7:05 p.m. |

## LITURGY AND CHRISTIAN MORALITY

Answer **THREE** questions: **ONE** from each section and a **THIRD** from any section.
All questions carry equal marks.

## SECTION A: LITURGY AND THE SACRAMENTS

1. "In times of pain and illness it is always good to know that we are not alone: the priest and those who are present during the Anointing of the Sick, in fact, represent the entire Christian community that as one body huddles around the one who suffers and his family, nurturing their faith and hope, and supporting them through their prayers and fraternal warmth." (Pope Francis, General Audience, February 26, 2014) Discuss this quote in relation to the Church's teachings about the sacrament of the Anointing of the Sick.

2. Explain the importance of the sacrament of Confirmation in relation to the other sacraments of initiation and the role of the Holy Spirit in the Christian's life.

3. There are various symbols in the rite of the sacrament of Baptism. Discuss the theological meaning of **FOUR** of these symbols.

## SECTION B: CHRISTIAN MORALITY

1. When we learn to be forgiving, we grow in our capacity to become men and women of peace. What is true of peace in inter-personal contexts is also true in the areas of politics and the economy, since peace should permeate every dimension of human life shared in common. Discuss Christ's invitation to forgiveness in relation to the journey of reconciliation leading to peace in fraternal communion.

2. It was Cardinal Joseph Bernardin who first used the expression "consistent ethic of life". Explain why the Church teaches respect for life in all its aspects and show how this teaching is to be practiced in a consistent manner.

3. "More than anywhere else, the family is where we daily experience our own *limits* and those of others, the problems great and small entailed in living peacefully with others. A perfect family does not exist. We should not be fearful of imperfections, weakness or even conflict, but rather learn how to deal with them constructively. The family, where we keep loving one another despite our limits and sins, thus becomes a *school of forgiveness*." (Pope Francis, World Communications Day Message 2015) Discuss the importance of family life if one is to grow in Christian virtue, particularly in mercy, forgiveness and reconciliation.

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2020**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **It-Tagħlim Reliġjuż** |
| KARTA NUMRU: | II |
| DATA: | 15 ta' Diċembru 2020 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

## IL-LITURĠIJA U L-MORALITÀ NISRANIJA

Wieġeb **TLIET** mistoqsijiet: **WAĦDA** minn kull taqsima u t-**TIELET** waħda minn liema taqsima li trid. Il-mistoqsijiet kollha għandhom l-istess marki.

### TAQSIMA A: IL-LITURĠIJA U S-SAGRAMENTI

1. "Dejjem hi ħaġa sabiħa nkunu nafu li fil-waqt tat-tbatija u tal-mard aħna m'aħniex waħidna: is-saċerdot u dawk li jkunu preżenti waqt id-Dilka tal-Morda fil-fatt jirrappreżentaw lill-komunità Nisranija kollha li, bħal ġisem wieħed, tinġabar madwar min qed ibati u l-familjari tiegħu, twettaqhom fil-fidi u fit-tama, u tweżinhom bit-talb u bl-imħabba fraterna." (Papa Franġisku, Udjenza Ġenerali, 26 ta' Frar, 2014) Iddiskuti din il-kwotazzjoni fil-kuntest tat-tagħlim tal-Knisja dwar is-sagrament tal-Griżma tal-Morda.

2. Spjega l-importanza tas-sagrament tal-Griżma tal-Isqof fir-rabta tiegħu mas-sagramenti l-oħra tal-injizzjazzjoni u r-rwol tal-Ispirtu s-Santu fil-ħajja Nisranija.

3. Ir-rit tas-sagrament tal-Magħmudija jinkludi diversi simboli. Spjega s-sinifkat teoloġiku ta' **ERBGĦA** minn dawn is-simboli.

### TAQSIMA B: IL-MORALITÀ NISRANIJA

1. Meta nitgħallmu naħfru, nsiru nisa u rġiel li jġibu s-sliem. U dak li hu minnu fir-relazzjonijiet personali ta' bejnietna huwa wkoll minnu fl-isfera politika u ekonomika, minħabba li s-sliem għandu jitħalla jimla kull qasam tal-ħajja komuni bejn il-bnedmin. Iddiskuti l-istedina ta' Kristu għall-maħfra fil-vjaġġ tar-rikonċiljazzjoni li jwassal għall-paċi f'komunjoni fraterna.

2. Kien il-Kardinal Joseph Bernardin li l-ewwel uża l-espressjoni "etika konsistenti tal-ħajja". Iddiskuti għaliex il-Knisja tgħallem ir-rispett lejn il-ħajja fl-aspetti kollha tagħha u uri kif dan it-tagħlim għandu jkun prattikat b'mod tassew konsistenti.

3. "Aktar minn kull sitwazzjoni oħra, il-familja hija l-post fejn fl-għejxien ta' kuljum jinħassu *l-limitazzjonijiet* personali u tal-oħrajn, tal-problemi kbar u żgħar tal-ħajja komuni, tal-ftehim. Il-familja perfetta ma teżistix, imma ma rridux nibżgħu mill-imperfezzjoni, mill-fraġiltà, lanqas mill-kunflitti; jeħtieġ nitgħallmu naffrontawhom b'mod kostruttiv. Għaldaqstant il-familja li fiha, bil-limitazzjonijiet u d-dnubiet tagħha, tirrenja l-imħabba, issir *skola tal-maħfra*." (Messaġġ tal-Papa Franġisku għall-Jum Dinji tal-Komunikazzjoni Soċjali 2015) Iddiskuti l-importanza tal-ħajja fil-familja biex nikbru fil-virtujiet Nsara, speċjalment dawk tal-ħniena, maħfra u rikonċiljazzjoni.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.